MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2009

Rikors Numru. 59/2009

**Mario Tonna**

**vs**

**Edwin Camilleri nomine**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors promotur datat it-13 ta' Frar tas-sena 2009, li permezz tieghu ir-rikorrenti Tonna talab lil din il-qorti diversament preseduta sabiex tissospendi l-esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv kristallizat permezz ta' ittra ufficcjali mahruga minn Edwin Camilleri ai termini tal-artikolu 166A tal-Kodici Civili, li hu l-intimat fil-procedura odjerna;**

**Rat ir-risposta tal-intimat Camilleri nomine datata t-18 ta’ Frar tas-sena 2009, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi l-meritu ndirizzat mir-rikors promotur odjern hu “res judicata” stante li d-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat il-21 ta’ Novembru tas-sena 2008, ma giex appellat;**

**2. Illi ma jezisti l-ebda rikors datat il-21 t’Ottubru tas-sena 2008;**

**3. Illi filwaqt li ghamel referenza ghar-risposta originali tieghu ghar-rikors datat il-31 t’Ottubru, 2008, fil-meritu izomm ferm l-eccezzjonijiet tieghu; jitlob li t-talbiet tar-rikorrenti jigu michuda bl-ispejjez; u konsegwentement jigi rikonfermat it-titolu ezekuttiv naxxenti mill-ittra ufficcjali ezekuttiva bin-numru 3648/08, bl-ispejjez;**

**Ezaminat id-dokumenti annessi;**

**Rat ix-xhieda hemm mismugha;**

**Ezaminat is-sentenza ta’ din il-qorti diversament preseduta datata l-10 ta’ Gunju tas-sena 2009 li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm espressi, ordnat is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tat-titolou ezekuttiv in dizamina;**

**Rat ir-rikors tal-appell tal-intimat Camilleri datat it-8 ta’ Lulju tas-sena 2009;**

**Rat ir-risposta tal-appell datata t-3 t’Awissu tas-sena 2009;**

**Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata l-11 ta’ Dicembru tas-sena 2009 li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, ordnat is-sospensjoni provizorja tal-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv skont id-digriet tal-20 ta’ Frar tas-sena 2009 u rrimettiet l-atti lill-ewwel qorti biex din taghti provvediment finali fid-**

**dawl tal-ezitu tar-rikors numru 338/08 bejn l-istess partijiet, bl-ispejjez rizervati;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi s-saga li rrizultat fil-procedura odjerna hija naxxenti minn ittra ufficcjali bin-numru 3648/08 mahruga mill-intimat Camilleri kontra r-rikorrent Tonna, u hija datata t-2 ta' Settembru tas-sena 2008;**

**Illi din il-qorti diversament preseduta, preza b'rikors tar-rikorrenti odjern Tonna datat it-2 ta' Dicembru tas-sena 2008 u wara li ezaminat ukoll ir-risposta datata l-31 t'Ottubru tas-sena 2008, cahdet it-talba tar-rikorrenti u zammet ferm it-titolu ezekuttiv naxxenti mill-ittra ufficcjali originali indikata fil-paragrafu precedenti;**

**Illi minn ezami tax-xhieda prodotta quddiem din il-qorti diversament preseduta ma jirrizulta li hemm xejn x'jipperswadiha mod iehor;**

**Ghaldaqstant, filwaqt li takkolji r-risposta tal-intimat nomine fl-interezza taghha, tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti Tonna, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-appell, kontra l-istess rikorrenti.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------